# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 001/8

IT-Tnejn 01 ta' Lulju 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: JM Calleja; Viċi-Sindku: R. Baldacchino; Kunsilliera: MA Sammut, S. Caruana u G. Fenech

AĠENDA

001.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

001.2 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku;

001.3 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku;

001.4 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa bħala l-Kunsillier l-iktar wieħed anzjan tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**001.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

001.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**001.2.0 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku;**

001.2.1 Is-Sur John Mary Calleja staqsa lill-Prokuratur Legali Sa. Marija Sara Vella sabiex taċċetta l-ħatra bħala Sindku tal-Gudja. Sa Vella wieġbet li taċċetta u dan peress li fl-elezzjoni li saret b'mod demokratiku fil-25 ta' Mejju 2019 hija kienet ġabet l-aktar ammont ta' voti ta' 611 u allura skont ix-xewqa tal-elettorat hija kienet bi pjaċir qed taċċetta din il-kariga.

F'dan l-istadju l-Avukat Matthew Brincat Kummissarju għall-Ġustizzja amministra l-ġurament tal-ħatra lill-PL Sa Marija Sara Vella.

**001.3.0 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku**

001.3.1 Is-Sindku Sa. Vella staqsiet lis-Sur John Mary Calleja magħruf bħala Mario sabiex jaċċetta l-ħatra bħala Viċi Sindku tal-Gudja. Is-Sur Calleja wieġeb li jaċċetta u dan peress li fl-elezzjoni li saret b'mod demokratiku fil-25 ta' Mejju 2019 huwa kien ġab it-tieni l-aktar ammont ta' voti ta' 513 u allura skont ix-xewqa tal-elettorat huwa kien bi pjaċir qed jaċċetta din il-kariga.

F'dan l-istadju l-Avukat Matthew Brincat Kummissarju għall-Ġustizzja amministra l-ġurament tal-ħatra tas-Sur John Mary Calleja.

**001.4.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

001.4.1 Mat-tmiem tal-laqgħa s-Sindku Sa. Vella awgurat li kulħadd għandu jiġbed ħabel wieħed għall-ġid tal-Gudja u tar-residenti kollha. Fi kliem is-Sindku 'ejja naħdmu flimkien għar-residenti kuljum u kulfejn jinsabu u li aħna nkunu milħuqa sew mir-residenti kollha u li nżommu dan il-kuntatt kontinwu kemm flimkien kif ukoll mar-residenti għaliex primarjament aħna ġejna eletti għal dan l-iskop u għandna d-dmir li flimkien inwettqu dak kollu li wegħdna'. Sa. Vella qalet ukoll li tinsab ċerta mill-koperazzjoni tal-Kunsilliera kollha li filwaqt li tirringrazzja lil kull min ħa sehem fl-elezzjoni, tixtieq ukoll li dawn l-istess persuni jibqgħu qrib il-Kunsill u b'hekk il-ħidma tkun konġunta u kbira u jinkisbu l-aħjar riżultati għar-residenti tal-Gudja li bi dritt jixirqilhom l-aħjar ħajja possibbli.

001.1.2 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalqet il-laqgħa fis-6.30pm. Il-laqgħa ġiet aġġornata għat-08 ta' Lulju 2019 fis-6.30pm bl-aġenda li tiġi ċċirkulata qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ______________________

PL Marija Sara Vella
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv